B 1763

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,117, 19 ta' Settembru, 2023
Taqsima B

A.L. 218 tal-2023

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2023 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Gender, Society and Culture taħt il-patroċinju tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81 (1) (ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2023 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Gender, Society and Culture u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Gender, Society and Culture taħt il-patroċinju tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà, ippubblikati bħala Avviż Legali 201 tal-2016, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali."

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f' Ottubru 2023 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

3. Il-paragrafi (2) u (3) li ġejjin għandhom jidħlu wara l-paragrafu (1) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali:

"(2) L-applikanti li għandhom grad ta' Baċellerat miksub fit-Tielet Klassi bl-Unuri jew f'Kategorija III jistgħu jkunu aċċettati wkoll, diment li l-applikanti jkollhom kwalifiki oħra jew esperjenza relevanti, miksuba wara l-grad tal-ewwel ċiklu.

(3) Il-Kumitat tad-Dħul tal-Fakultà, wara li jkun eżamina bir-reqqa d-dokumenti sottomessi b'sostenn għall-kwalifiki ppreżentati, u wara intervista, jista' jirrakkomanda d-dħul fil-Kors ta' dawk l-applikanti li jkunu applikaw għad-dħul skont il-Politika għar-Rikonoxximenti u l-Akkreditazzjoni ta' Tagħlim Preċedenti tal-Università (RPL) u li jkollhom kwalifiki akkademiċi jew professjonali oħra u esperjenza dokumentata jekk dawn ikunu meqjusa komparabbli għall-kwalifiki mitluba fil-paragrafu (1) ta' dan l-ordinament. Id-dħul ta' applikanti bħal dawn jista' jkun soġġett għal dawk il-kondizzjonijiet li jistgħu jkunu imposti biex jagħmlu tajjeb għal xi nuqqasijiet fil-preparazzjoni akkademika tal-applikanti."

4. Il-paragrafi (2) sa (5) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandhom jiġu nnumerati mill-ġdid bħala l-paragrafi (4) sa (7).

Iż-Żieda tal-ordinament 4 mal-ordinamenti prinċipali

5. L-ordinament 4 li ġej għandu jiżdied wara l-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali:

"**Il-Programm Preparatorju**

4. L-applikanti li jidħlu skont il-paragrafi (2) u (3) tal-ordinament 3 jistgħu jkunu meħtieġa li jtemmu programm preparatorju, li jinkludi mhux anqas minn 30 krettu ECTS u mhux aktar minn 60 krettu ECTS u li jiksbu marka medja globali ta' 55% jew aħjar, qabel ma jirreġistraw bħala studenti regolari fil-Kors."

In-Numerazzjoni mill-ġdid tal-ordinamenti 4 sa 13 tal-ordinamenti prinċipali

6. L-ordinamenti 4 sa 13 tal-ordinamenti prinċipali għandhom jiġu nnumerati mill-ġdid bħala l-ordinamenti 5 sa 14.